

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-2 ta' Ottubru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-157/06) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Kuntratti pubbliċi għal provvisti — Direttiva 93/36/KEE — Għoti ta' kuntratti pubbliċi mingħajr il-pubblikazzjoni ta' avviż minn qabel — Ħelikopters ħfief għall-pulizija u għall-korp nazzjonali tat-tifi tan-nar)

(2008/C 301/08)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: X. Lewis u D. Recchia, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: I. Braguglia, aġent, G. Fiengo, avukat)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva tal-Kunsill 93/36/KE tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkordina l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista (ĠU L 199, p.1) — Nuqqas li tingħata prova tal-eżistenza ta' raġunijiet li jippermettu awtorità kontraenti tirrikorri għall-proċedura ta' negozjati mingħajr ma saret publikazzjoni preliminari ta' avviż għal sejħa għal offerti — Ħelikopters ħfief akkwistati għall-bżonnijiet tal-pulizija u tal-membri tat-tifi tan-nar

Dispożittiv

1) Billi adottat id-Digriet tal-Ministeru tal-Intern Nru 558/A/04/03/RR, tal-11 ta' Lulju 2003, li jawtorizza d-deroga mil-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi għal provvisti għax-xiri ta' ħelikopters ħfief intiżi għall-bżonnijiet tal-forzi tal-pulizija u tal-korpi nazzjonali tat-tifi tan-nar, mingħajr ma għet sodisfatta ebda waħda mill-kundizzjonijiet li setgħu jiġġustifikaw

tali deroga, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva tal-Kunsill 93/36/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkordina l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista (ĠU L 199, p. 1), u b'mod partikolari, l-Artikoli 2(1)(b), 6 u 9 tagħha.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 131, 3.6.2006.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-2 ta' Ottubru 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Finanzgericht Hamburg — il-Ġermanja) — Heinrich Bauer Verlag BeteiligungsGmbH vs Finanzamt für Großunternehmen in Hamburg

(Kawża C-360/06) ⁽¹⁾

(Libertà ta' stabbiliment — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kumpanniji — Valutazzjoni tal-ishma mhux ikkwotati f'kumpanniji b'kapital azzjonarju)

(2008/C 301/09)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Heinrich Bauer Verlag BeteiligungsGmbH

Konvenuta: Finanzamt für Großunternehmen in Hamburg

Fil-preżenza ta': Heinrich Bauer Verlag KG